**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum t-Tnejn, 21 ta' Mejju, 2018**

Numru 10

**Appell Nru. 17/2018**

**Avukat Generali ghan-nom tal-Gvern ta' Malta**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u**
**kjamat in kawza Juanito Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Avukat Generali tal-21 ta' Marzu 2018 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-1 ta' Marzu 2018 fejn cahad l-appell tal-Avukat Generali u iddikjara li ma kien hemm xejn fil-procedura adottata fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2016 li ma kienx konformi mal-ligi u dan b'referenza ghal PA 456/16 'erection of two storey winery; amended application to PA 5068/06 including enlargement of basement level and shifting of rubble wall fis-Siggiewi;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta tal-applikant li preliminarjament issottometta illi l-Avukat Generali qua terz interessat strah fuq l-artikolu 11(1)(e) tal-Kap. 551 biex iressaq l-appell tieghu. Izda ebda wahda mill-istanzi hemm indikati bhala bazi ghad-dritt ta' appell ma jaghti d-dritt lill-Avukat Generali jaghmel appell fuq il-premessa migjuba f'dan l-appell cioe revoka jew modifika ta' permess. Fil-mertu sostna li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Konsiderazzjonijiet
L-appell interpost huwa dwar il-procedura li adottat l-Kummissjoni tal-Ippjanar u fih aggravju wiehed. Skond l-appellanti, din marret konta id-dettami tal-artikolu 13 (4) tal-Avviz Legali 162 tal-2016 meta wara li matul l-ewwel udjenza rat illi ll-opinjoni provvizorja tal-maggoranza tal-membri presenti kienet kontra r-rakkomandazzjoni tac-Chiarperson Ezekuttiv, qabet u ghaddiet ghall-vot minghajr ma ddiferit il-kaz ghal seduta ohra kif jinhtieg l-istess regolament.

L-appellanti ghalhekk jishaq illi dan id-difett procedurali kien tali li ghandju jwassal ghat-thassir tad-decizjoni favur l-applikazzjoni billi d-decizjoni tal-Kummissjoni wasal sabiex gie eskluz l-element ta' pubblicita' effettiva.

L-Awtorita', ghal dan l-aggravju tirrispondi li l-Kummissjoni mxiet in piena konformita' mal-process kontemplat 13(4) tal-Avviz Legali tal-2016 billi zammet is-seduta mehtiega regolarment. Skond l-Awtorita' jekk kien hemm xi difett, tali difett kien wiehed ta' semplici formalita' li ma kelllu ebda rilevanza/influwenza fuq l-planning justifications li wasslu ghall-approvazzjoni tal-applikazzjoni.

Dwar l-element ta' nuqqas ta' pubblicita' ilmentat mill-appellanti l-Awtorita' tenniet li d-diskussjoni u decizjoni saru fil-pubbliku.

L-applikant a sua volta jghid li ma sar xejn proceduralment hazin. It-tezi tal-applikant huwa:
Illi l-interpretazzjoni tal-appellanti ghal imsemmi artikolu 13 (4) huwa zbaljat billi mibni fuq supposizzjoni.

Kull terz interessat (inkluz kunsulenti esterni) kellu l-opportunita' jqajjem l-aggravji bejn l-ewwel u t-tieni seduta.

Min seta kien aggravat bil-procedura ma nieda ebda process biex jaghmel l-ilment skond il-procedura stess.

L-iter processwali kien dan:
Is-seduta tat-8 ta' Gunju 2016 kienet presjeduta minn membru tal-Kummissjoni minflok ic-Chairman li kien nieqes. L-appellat kien presenti. Terzi persuni nteressati ma kienux prezenti.

L-applikazzjoni giet diskussa f'din is-seduta u l-membri esprimew l-opinjoni taghhom permezz ta' vot li gie registrat. Il-vot kien favur l-applikazzjoni.

Is-seduta giet differita ghal-24 ta' Gunju 2016 sabiex jigu inseriti kundizzjonijiet, jekk ikun il-kaz, u l-applikazzjoni tigi deciza.

Fl-24 ta' Gunju 2016 bi komposizzjoni differenti l-Kummissjoni. Ittiehed vot u l-applikazzjoni giet approvata.

L-artikolu 13 (4) tal-Avviz Legali 162 tal-2016 jghid
"(4) (a) The Planning Board shall decide and determine any application during the first sitting, saving if a request for suspension or deferral has been upheld. During the first sitting, the Chairman of the Planning Board shall request each member of the Board present for the first sitting to express a provisional opinion on the recommendation of the Executive Chairperson. If the majority of members of the Planning Board present for the first sitting express a provisional opinion that, given no further clarification, their intention is to go against the recommendation if the Executive Chairperson, the Planning Board shall, in addition to the requirements of the Act, defer the determination of the application within a period not exceeding six weeks, propose a list of conditions or reasons for refusal, and add comments in the committee notes section of the report. The perit, the applicant, registered interested parties, the external consultees and, or other consultees shall be informed of the Planning Board's proposal prior to the date of the deferred sitting.

(b) The Planning Board may:
(i) request the applicant to file fresh plans and documents, in which case the Planning Board shall give reasons for such a request and provided that the request shall not constitute a material change;
(ii) request the applicant to furnish further information, in which case the Planning Board shall give reasons for requiring such further information; or
(iii) consult in terms of article 31 of the Act, in which case the Planning Board shall give reasons for requiring such consultation; in which case the Planning Board shall, during the sitting put off the decision on the application and establish a date for the next sitting for the determination of the application, such date being not later than six weeks from the date of the last sitting:
Provided that any external consultees, and, or any other consultees and, or person who has made submissions on the application in terms of article 71(6) of the Act shall be informed that such fresh plans and documents, further information and replies to consultation in terms of article 31 of the Act have been so filed and shall also be invited to be present at the Planning Board's sitting, as the case may be, when such application shall be discussed:

Provided that any fresh plans and documents, and any further information and replies to consultation in terms of article 31 of the Act as above stated, have to be submitted at least fifteen days before the date of the next sitting and shall be directly referred to the Planning Board:
Provided further that the Planning Board may also delegate to the Chairperson or any of its members, the power to endorse any revised plans or documents relating to any application under its consideration but shall not delegate such power to the Executive Chairperson."

L-appellanti jishaq fuq:
Dak li ddikjarat ic-Chairperson fit-tieni seduta ossia li hija ma kienitx favur il-hrug tal-permess izda hassitha marbuta maddecizjoni mehuda fl-ewwel Seduta (fejn ma kienietx presenti).

Permess inhareg wara li giet segwita procedura skorretta.

Konsiderazzjonijiet ta' ippjanar jinkludu wkoll naturalment li jigu segwiti l-proceduri ghal hrug ta' permessi.

Il-lanjanza hija fl-ahhar mill-ahhar punt ta' ordni pubbliku li seta' addirittura tqajjem mit-Tribunal stess ex officio.

Dawn il-lanjanza pero' ma jirriflettux fuq l-ilment procedurali li jifforma l-aggravju tal-appellanti, ossia li:
wara li matul l-ewwel udjenza rat illi ll-opinjoni provvizorja tal-maggoranza tal-mebri presenti kienet kontra rrakkomandazzjoni tac-Chiarperson Ezekuttiv, qabet u ghaddiet ghall-vot minghajr ma ddiferit il-kaz ghal seduta ohra kif jinhtieg l-istess regolament

Jirrizluta car fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2016 li s-seduta giet differita ghal-24 ta' Gunju 2016 proprju biex tittiehed decizjoni. Il-fatt li l-komposizzjoni tal-membri tal-Bord tbiddel ma' jbiddel xejn mill-fatt li l-procedura giet segwita kif suppost ossia li wara lewwel seduta kien hemm differiment proprju biex tittiehed decizjoni. Huwa importanti wkoll li jigi nutat illi fit-tieni seduta lapplikazzjoni regghet giet diskussa.

It-Tribunal ghalhekk ma jara xejn fil-procedura adottata fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2016 li mhux konformi mal-ligi u ghalhekk qed jichad l-Appell.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellant hu s-segwenti:

1. Id-decizjoni tat-Tribunal hi msejsa fuq konkluzjonijiet skorretti ghax ma jirriflettux il-kronologija tal-fatti u skarta l-korrezzjoni li saret fl-appell mill-Avukat Generali fejn gie sottomess li l-lanjanza kienet dwar il-mod kif it-tieni seduta ghal kaz giet ridotta ghal semplici formalita ghax id-decizjoni kienet gia fatt kompjut li ma setghetx tinbidel. Bhala sustanza ghal dan l-aggravju l-appellant jissottometti illi hu jikkwalifika bhala appellant ai termini tal-artikolu 11(1)(c)(iii) tal-Kap. 551 u din hi kwistjoni ta' ordni

pubbliku fejn art li skond il-policy tikkwalifika ghal permess ta' mitejn metru kwadru, qed jinghata permess ghal circa tmien mitt metru kwadru. L-appellant jissottometti li fis-sustanza ma gietx segwita l-procedura korretta skond ir-regolament 13(4) tal-Avviz Legali 162/2016 u dan jimmina c-certezza legali li trid il-ligi tal-ippjanar, u dan jirrizulta mill-fatt li d-decizjoni ittiehdet fl-ewwel seduta tat-8 ta' Gunju 2016 kontra dak li jghid l-Avviz Legali. Jinghad li c-chairperson fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2016 qalet li hi kienet tivvota kontra l-izvilupp li kieku kienet prezenti ghall-ewwel seduta izda issa kienet ser tivvota favur ghax id-decizjoni kienet ittiehdet fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2016. Qed jigi sottomess illi l-Kummissjoni ivvotat kontra r-rakkomandazzjoni negativa tac-chairperson ezekuttiv tal-Awtorita u skont il-ligi din kellha titqies biss bhala opinjoni provvizorja u l-kaz kellu jithalla ghad-decizjoni finali entro sitt gimghat biex fl-intervall issir seduta ghad-determinazzjoni tal-applikazzjoni. Minflok id-decizjoni ittiehdet fit-8 ta' Gunju 2016 u s-seduta tal-24 ta' Gunju 2016 kienet biss formalita. Jizdied ma' dan li l-permessi jinhargu skont il-ligiijiet tal-ippjanar li tinkludi l-procedura li ghandha tigi segwita ghal hrug tal-permess. Skont l-artikolu 22 tal-Kap. 551 it-terz interessat, kif jista' jitqies l-appellant, jista' jressaq motivazzjonijiet bazati fuq kunsiderazzjonijiet ambjentali u ta' ippjanar biex jiggustifika l-appell. It-Tribunal bhala kwistjoni ta' ordni pubbliku gia qajjem ex officio kwistjoni simili fl-appelli 240 u 241 tal-2016 u baghat lura l-kaz lil Kummissjoni ghax ma mxietx skont dak li jird l-artikolu 13(4)(a) tal-Avviz Legali 162/2016 u hekk kellu jaghmel f'dan il-kaz.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Jibda biex jinghad li dan l-appell sar mill-Avukat Generali li wkoll appella quddiem it-Tribunal. Hi jsostni li d-dritt tieghu tal-appell insorga minn qari tal-artikolu 11(1)(c)(iii) tal-Kap. 551. Dan l-artikolu jghid taht il-parti relevanti cioe

> 11. (1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp, it-Tribunal ghandu jkollu gurisdizzjoni li:
> (c) jisma' u jiddeciedi kull appell maghmul minn kull persuna:
> (iii) aggravata b'decizjoni fuq talba ghal tibdil jew revoka ta' permess;

Din il-Qorti pero tqis illi ma' dan l-artikolu irid jittiehed kont u jitqies il-proviso tal-artikolu 11(1)(e)(i) fejn l-Avukat General fost ohrajn ghandu dejjem jitqies parti interessata avolja ma jkunx hemm sottomissjonijet bil-miktub bhala appellant minn decizjoni wara applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp.

Kwindi l-pozizzjoni tal-Avukat Generali hi ta' terz interessat. Skont l-artikolu 22(1) l-interess li jrid juri t-terz mhux dak kif strettament jitqies bhala interess guridiku fid-duttrina gurisprudenzjali, b'danakollu tali terz irid jissottometti ragunijiet ambjentali jew ta' ippjanar biex jiggustifika l-appell tieghu.

F'dan il-kaz l-appell tal-Avukat Generali hu bazat primarjament, anzi esklussivament fuq dak li hu jqis bhala nuqqas serju u sostantiv procedurali kif ittiehdet id-decizjoni tal-Awtorita u li din marret kontra dak li trid il-ligi fir-regolament 13(4) tal-Avviz Legali 162/2016 li jghid hekk:

> 13(4)(a) Il-Bord tal-Ippjanar ghandu jiddeciedi u jiddetermina kwalunkwe applikazzjoni matul l-ewwel seduta, hlief jekk talba ghas-sospensjoni jew differiment tkun giet milqugha. Matul l-ewwel seduta, ic-Chairperson tal-Bord tal-Ippjanar ghandu jitlob lil kull membru tal-Bord prezenti ghall-ewwel seduta biex jesprimi opinjoni provizorja fuq ir-rakkomandazzjoni tac-Chairperson Ezekuttiv. Jekk il-maggoranza tal-membri tal-Bord tal-Ippjanar prezenti ghall-ewwel seduta jesprimu opinjoni provizorja li, jekk ma jinghatawx aktar kjarifiki, l-intenzjoni taghhom hi li jmorru kontra ir-rakkomandazzjoni tac-Chairperson Ezekuttiv, il-Bord tal-Ippjanar ghandu, flimkien mar-rekwiziti tal-Att, jiddiferixxi d-decizjoni tal-applikazzjoni fiz-zmien li ma jeccedix sitt gimghat, jipproponi lista ta' kondizzjonijiet jew ragunijiet ta' rifjut, u jzid il-kummenti fis-sezzjoni tan-noti tal-kumitat fir-rapport. Il-perit, l-applikant, il-partijiet registrati interessati, il-konsulenti esterni u konsulenti ohra ghandhom ikunu informati bil-proposti tal-Bord tal-Ippjanar qabel id-data tas-seduta li ghaliha ikun differit is-smigh.
>
> (b) Il-Bord tal-Ippjanar jista':
> (i) jitlob lill-applikant li jipprezenta pjanti godda u dokumenti, f'liema kaz il-Bord tal-Ippjanar ghandu jaghti r-ragunijiet ghal dik it-talba u sakemm dik it-talba ma tikkostitwix tibdil materjali;
> (ii) jitlob lill-applikant li jipproduci informazzjoni ulterjuri, f'liema kaz il-Bord tal-Ippjanar ghandu jaghti r-ragunijiet ghal dik it-talba ghal informazzjoni ulterjuri, jew
> (iii) jikkonsulta skont l-artikolu 31 tal-Att, f'liema kaz il-Bord tal-Ippjanar ghandu jaghti ragunijiet ghallhtiega ta' dik il-konsultazzjoni, f'liema kaz il-Bord tal-Ippjanar ghandu, matul is-seduta, ma jaghtix decizjoni dwar l-applikazzjoni u jistabbilixxi data ghas-seduta li jmiss ghad-determinazzjoni tal-applikazzjoni, u din id-data m'ghandhiex tkun aktar tard minn sitt gimghat mid-data tal-ahhar seduta:
> Izda kull konsulent estern u, jew konsulenti ohra u, jew persuna li tkun ghamlet sottomissjonijiet dwar l-applikazzjoni skont l-artikolu 71(6) tal-Att ghandhom ikunu infurmati li pjanti u ddokumenti godda, informazzjoni ulterjuri u risposti ghall-konsultazzjoni skont l-artikolu 31 tal-Att gew hekk ipprezentati u ghandhom ukoll jigu mistiedna sabiex ikunu prezenti waqt is-seduta tal-Bord tal-Ippjanar, skont kif ikun il-kaz, meta dik l-applikazzjoni tigi diskussa.

> Izda kwalunkwe pjanti u dokumenti godda, u informazzjoni ulterjuri kif imsemmija qabel, ghandhom jigu sottomessi minn tal-inqas gimaghtejn qabel id-data tas-smigh:
> Izda kwalunkwe pjanti u dokumenti godda, u kull informazzjoni u risposti ghal konsultazzjoni skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 31 tal-Att kif fuq msemmija, ghandhom jigu sottomessi mhux aktar tard minn hmistax-il gurnata qabel id-data tas-seduta li tkun tmiss u ghandhom jigu riferuti direttament lill-Bord tal-Ippjanar:
> Izda wkoll il-Bord tal-Ippjanar jista' wkoll jiddelega lic-Chairperson jew lil xi wiehed mill-membri tieghu, is-setgha sabiex japprova l-pjanti riveduti jew id-dokumenti li jkollhom x'jaqsmu ma' kull applikazzjoni li tkun qieghda tigi kkunsidrata minnu izda ma jistax jiddelega dik is-setgha lic-Chairperson Ezekuttiv.

L-appellant isostni li tali allegat nuqqas (jekk hu fondat) hu wiehed ta' ordni pubbliku li seta' jitqajjem mit-Tribunal. F'dan il-kaz it-Tribunal ma sab ebda ksur. Pero din il-Qorti tqis illi d-decizjoni tat-Tribunal tippekka fil-fatt illi qabel jiddeciedi l-ilment kellu jqis jekk l-appellant kellux id-dritt bil-ligi li jintavola l-appell a bazi ta' dak li qies bhala aggravju li dwar dan id-dritt jew nuqqas tieghu saret eccezzjoni mill-applikant pero li ma hi riflessa imkien fid-decizjoni tat-Tribunal. Din il-Qorti tqis li l-kwistjoni imqajma dwar in-nuqqas procedurali li wassal ghad-decizjoni u l-prezenti appell hu wiehed mhux akkademiku jew minghajr sinifikat, anzi wiehed li l-ligi tqis bhala sostantiv mill-istess dicitura wzata fir-regolament 13(4) tal-Avviz Legali. Pero t-Tribunal kellu qabel xejn jiddeciedi jekk l-appellant kellux dritt iressaq l-appell quddiemha. Dan ma giex deciz u d-decizjoni kienet necessarja ghax timpingi fuq il-poter tat-Tribunal li jezamina l-kwistjoni mqajma. Din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddeciedi l-kwistjoni hi ghax tkun qed ittellef id-dritt ghad-doppio esame. Pero hu l-obbligu ta' din il-Qorti li stante li l-kwistjoni dwar id-dritt o meno tal-Avukat Generali li jintavola appell quddiem it-Tribunal u l-limiti ta' tali appell hu wiehed certament ta' ordni pubbliku, id-decizjoni tat-Tribunal fuq il-mertu tal-kwistjoni ghandha tigi annullata, u l-atti jintbaghtu lura lit-Tribunal biex jiddeciedi jekk kellux jisma l-appell minhabba l-eccezzjoni mqajma u jqis id-dritt u semmai l-estent tieghu tal-Avukat Generali li jressaq l-appell wara ezami akkurat tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-ligi.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tannulla d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-1 ta' Marzu 2018, u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal biex jerga jiddeciedi l-kwistjoni in linea ma' dak deciz.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur